



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A9-0345/2023**

8.11.2023

# **RAPPORT**

dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Patryk Jaki  
(2023/2021(IMM))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Adrián Vázquez Lázara

**WERREJ**

**Paġna**

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	3
ANNEX: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM.....	6
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	7

## PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

### dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Patryk Jaki (2023/2021(IMM))

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Patryk Jaki, imressqa fit-13 ta' Diċembru 2022 mis-Sezzjoni Kriminali XIV tal-Qorti Distrettwali ta' Varsovie-Mokotów b'rabta mal-proċediment kriminali insegue witu ta' tressiq ta' att ta' prosekuzzjoni privata, u mħabbra fis-seduta plenarja fit-13 ta' Frar 2023,
  - wara li sema' lil Patryk Jaki, skont l-Artikolu 9(6) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-20 ta' Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali,
  - wara li kkunsidra s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) fil-21 ta' Ottubru 2008, fid-19 ta' Marzu 2010, fis-6 ta' Settembru 2011, fis-17 ta' Jannar 2013 u fid-19 ta' Diċembru 2019<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 105(2) u l-Artikolu 108 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Polonja, kif ukoll l-Artikolu 7b(1) u l-Artikolu 7c(1) tal-Liġi tal-Polonja tad-9 ta' Mejju 1996 dwar it-tweġġiq tad-dmirijiet ta' membru tal-parlament u senatur Pollakki,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 5(2), l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 9 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A9-0345/2023),
- A. billi fit-13 ta' Diċembru 2022 l-imħallef tas-Sezzjoni Kriminali XIV tal-Qorti Distrettwali ta' Varsovie-Mokotów baġhat talba għat-tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Patryk Jaki, elett għall-Polonja, li ġie adit b'dan permezz ta' individwu minħabba post ippubblikat fuq il-kont ta' Twitter tal-Partit Dritt u Ġustizzja li allegatament fih kontenut li jinċita l-mibegħda nazzjonali, etnika, razzjali u reliġjuża; billi fis-17 ta' Novembru 2021, il-Qorti Distrettwali ta' Varsovie-Mokotów ġiet adita b'dan l-att ta' prosekuzzjoni ppreżentat mir-rappreżentant tal-prosekuzzjoni sussidjarja; billi r-rappreżentant talab ukoll lill-qorti biex tgħaddi lill-Parlament Ewropew it-talba tiegħu għal awtorizzazzjoni biex jinbdeu proċedimenti kriminali kontra Patryk Jaki;
- B. billi l-imsemija talba għat-tneħħija tal-immunità parlamentari ntbagħtet mill-awtorità ġudizzjarja skont l-Artikolu 9(12), tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew;

---

<sup>1</sup> Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Ottubru 2008, Marra vs De Gregorio u Clemente, C 200/07 u C-201/07, ECLI:EU:C:2008:579; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Marzu 2010, Gollnisch vs il-Parlament, T-42/05, ECLI:EU:T:2010:102; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2011, Patriciello, C 163/10, ECLI:EU:C:2011:543; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Jannar 2013, Gollnisch vs il-Parlament, T-346/11 u T-347/11, ECLI:EU:T:2013:23; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Diċembru 2019, Junqueras Vies, C-502/19, ECLI:EU:C:2019:1115.

iżda minkejja dan qed tinġibed l-attenzjoni għall-fatt li l-Artikolu 9(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu jirrikjedi li kwalunkwe talba għat-tneħħija tal-immunità ssir minn "awtorità kompetenti ta' Stat Membru" u li ż-żewġ kunċetti mhumiex identiċi; billi t-tifsira tat-terminu "awtorità kompetenti ta' Stat Membru" hija ddeterminata mil-leġislazzjoni nazzjonali applikabbli; billi, fil-każ tal-Polonja, għandha ssir referenza għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7b(1) tal-Liġi Pollakka tad-9 ta' Mejju 1996 dwar l-eżekuzzjoni tad-dmirijiet ta' membru tal-parlament u senatur Pollakki, li jipprevedi li talba għal awtorizzazzjoni biex jinbdew proċeduri kriminali kontra membru tal-parlament jew senatur fil-każ ta' reat suġġett ta' azzjoni penali għandha ssir permezz tal-Prosekutur Ġenerali; billi, f'dan il-każ, it-talba għet indirizzata lill-Prosekutur Ġenerali, li madankollu rrinwija t-talba għar-raġuni li l-"prosekuzzjoni privata" kienet tinkludi wkoll "prosekuzzjoni sussidjarja" u li t-tressiq ta' talba għal immunità ta' membru tal-parlament kienet tidħol fil-kompetenza tal-qorti adita;

- C. billi r-rappreżentant tal-prosekuzzjoni sussidjarja talab lill-Qorti l-awtorizzazzjoni biex jinbdew proċedimenti kriminali kontra Patryk Jaki, fost l-oħrajn, abbażi tal-Artikolu 256(2) tal-Kodiċi Kriminali Pollakk;
- D. billi fis-17 ta' Ottubru 2018 ġie ppubblikat messaġġ elettoral intitolat "Bezpieczny samorząd" (muniċipalitá sigura) fuq il-midja soċjali, fuq il-kont ta' Twitter tal-Partit Dritt u Ġustizzja, relatat mal-elezzjonijiet muniċipali li saru fil-21 ta' Ottubru 2018 fil-Polonja; billi għat-tixrid tiegħu kkontribwixxa, fost oħrajn, Patryk Jaki; billi l-post allegatament appella għall-mibegħda kontra l-immigranti Musulmani;
- E. billi Patryk Jaki jinsab fl-istess sitwazzjoni ta' dawk il-persuni li ġew akkużati bir-reat allegat inkwistjoni, u l-unika differenza hija li hu attwalment igawdi l-immunità bħala Membru tal-Parlament Ewropew; billi għalhekk għandu jitqies li Patryk Jaki mhuwiex l-uniku wieħed li jista' jitqiegħed taħt att ta' akkuża fil-proċedimenti inkwistjoni;
- F. billi Patryk Jaki ġie elett fil-Parlament Ewropew insegwitu tal-elezzjonijiet tas-26 ta' Mejju 2019;
- G. billi l-allegat reat ma jikkonċernax opinjonijiet jew voti mitfugħa minn Patryk Jaki fil-qadi ta' dmirijietu bħala Membru tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea; billi, f'dan il-każ, it-talba għat-tneħħija tal-immunità tikkonċerna fatti li jirrigwardaw attivitajiet ta' natura lokali u qabel il-ksib tal-istatus u, konsegwentement, l-immunità bħala Membru tal-Parlament Ewropew;
- H. billi l-għan tal-immunità parlamentari huwa li tipproteġi lill-Parlament u lill-Membri tiegħu minn proċedimenti ġudizzjarji relatati ma' attivitajiet imwettqa fil-qadi tad-dmirijiet parlamentari u li huma inseparabbli minn dawn l-attivitajiet;
- I. billi l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li l-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom igawdu, fit-territorju tal-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lill-membri tal-parlament tal-Istat tagħhom;
- J. billi, skont l-Artikolu 105(2) u l-Artikolu 108 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Polonja tat-2 ta' April 1997, kif ukoll l-Artikolu 7(1), (2) u (4), l-Artikolu 7b(1) u l-Artikolu 7c(1) tal-Liġi tad-9 ta' Mejju 1996 dwar il-qadi tad-dmirijiet ta' Membru tal-

Parlament u ta' Senatur<sup>2</sup>, Membru ma jistax jinstema' bħala suspettat jew jitqies kriminalment responsabbli mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Parlament Ewropew;

- K. billi, minn naħa, il-Parlament ma jistax jitqies bħala qorti u, min-naħa l-oħra, il-Membru ma jistax, fil-kuntest ta' proċedura għat-tneħħija tal-immunità, jitqies bħala "akkużat"<sup>3</sup>;
  - L. billi, f'dan il-każ, il-Parlament ma setax jikkonstata l-eżistenza ta' *fumus persecutionis*, jiġifieri elementi fattwali li jindikaw li l-proċedimenti legali inkwistjoni nfetħu bl-intenzjoni li ssir ħsara lill-attività politika tal-Membru u, għalhekk, tal-Parlament Ewropew;
1. jiddeċiedi li jneħħi l-immunità ta' Patryk Jaki;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex tgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-awtorità kompetenti tar-Repubblika tal-Polonja u lil Patryk Jaki.

---

<sup>2</sup> Ġurnal Uffiċjali 2018.1799, verżjoni kodifikata.

<sup>3</sup> Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' April 2019, Briois vs il-Parlament, T-214/18, ECLI:EU:T:2019:266.

## **ANNEX: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Il-lista li ġejja hija kkompilata taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur. Ir-rapporteur irċieva kontribut mingħand l-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-thejjja tar-rapport, qabel l-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

<b>Entità u/jew persuna</b>
Dan ir-rapport ġie redatt skont il-proċedura ta' kunfidenzjalità. F'dan il-kuntest, ir-rapporteur mhux qed jirċievi l-ebda kontribut minn entitajiet jew persuni fis-sens ta' dan l-Anness.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	7.11.2023
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 4 -: 11 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Ilana Cicurel, Angel Dzhambazki, Ibán García Del Blanco, Gilles Lebreton, Maria-Manuel Leitão-Marques, Sabrina Pignedoli, Franco Roberti, Raffaele Stancanelli, Adrián Vázquez Lázara, Axel Voss, Marion Walsmann, Javier Zarzalejos
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Alessandra Basso, Patrick Breyer, René Repasi
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Luděk Niedermayer